MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 155/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Keith Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta’ Marzu, 2009, ghall-habta ta’ 6.25 p.m., f’Hal-Far Road, gudja, waqt li kien qed isuq vettura numru CAP-138,

1. naqas li jaghmel uzu mis-“Seat Belt” ;
2. naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-Pulizija persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta’ dmirijietu w ma halliex jew fixkel lill-Pulizija waqt li kien qed jaghmel dmirijietu jew b’xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijietu billi ma halliex lill-Pulizija jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista jaghmel;
3. qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;

4. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura numru CAP-138 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
5. gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, floriana, naqas jew irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs skond il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat r-regolamenti 3 u 13 tal-A.L. 200/2004, l-artikoli 338(ee), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni fuq ammissjoni w ikkundannatu Euro 45 ammenda, fuq it-tieni imputazzjoni kkundannatu euro 30 ammenda, fuq it-tielet ikkundannatu Euro 30 ammenda fuq ir-raba' Euro 466 multa w illiberatu fuq il-hames imputazzjoni ghax mhxu sufficjentement ippruvata.
il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H(2) tal-kap. 65 skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-ewwel tliet akkuzi w fejn hu gie liberat mill-hames akkuza, w tirrevokaha w thassaraha fejn l-appellant instab hati tar-raba' akkuza w ghaldaqstant tilliberah minnha, w konsegwentement tordna wkoll it-tnehhija tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. illi ma hemm l-ebda dubju illi l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar ir-raba akkuza abbazi ta' fattur wiehed biss, u xejn aktar – il-fatt li "roadside test"

allegatament ta’ reading ta’ 54 mg u li l-appellant kellu riha ta’ xorb f’halqu;

*2.* illi r-reat kontemplat fir-raba’ akkuza hu dak komunement maghruf bhala “a drunk driving offense” konsistenti f’sewqan ta’ vettura taht l-influwenza ta’ xorb jew droga. kuntrarjament ghar-reat kontemplat fil-hames akkuza, mhux bizejjed li wiehed ikun ecceda l-limitu regolamentari stipulat ghat-test tad-depot biex jinstab hati ta’ dan ir-reat. Anzi ta’ min jghid li r-“roadside test” hu biss test preliminari li mieghu ma hemm abbinat l-ebda limitu regolamentari fil-ligi, anzi dan it-test lanqas hu wiehed rikonoxxut fil-ligi. Li ried jirrizulta sabiex tinstab htija dwar ir-raba’ akkuza hu li jkun hemm “impairment” fis-sewqan, indipendentement minn kemm ikun il-livell tal-alkohol fin-nifs;

*3.* illi dwar l-allegat rizultat tar-“roadside test”, jinghad illi ma saritx prova sodisfacenti tieghu. jinghad li r-rizultat kien ta’ 54 mg. dan hu impossibbli. It-test ikejjel b’mikrogrammi ta’ alkohol f’100 millilitru ta’ nifs, u mhux m’milligrammi. kieku t-test qara kemm qed jghidu l-Pulizija, kieku l-appellant certament li hu mejjet b’”alcohol intoxication”;

*4.* illi dato ma non concesso li l-Pulizija riedu jghidu li r-rizultat tat-test kien ta’ 54 mog ta’ alkohol f’100 mililitru ta’ nifs, wiehed jirrealizza kemm dan kien ftit oghla mill-massimu permess mill-ligi dwar it-test tad-Depot. Anke’ kieku ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss kellu jigi accettat ir-“reading” tar-“roadside test”, ir-rizultat tat-test preliminari wahdu ma kienx bizzejjed biex il-Qorti ssib htija dwar ir-raba’ akkuza. Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tfisser f’diversi sentenzi taghha ara {Il-Pulizija vs Francis Pace – App. Krim 2/9/1999; Il-Pulzija vs Claire Falzon – App. Krim. 5/3/2001; Il-Pulzija vs Etienne Turner – App. Krim. 6/6/2003, ghall-fini tar-reat kontemplat fl-artikolu 15A(1) jista’ jittiehed in konsiderazzjoni ir-rizultat tar-“roadside test”, li flimkien ma’ provi ohra jkunu juru lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li s-sewwieq ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb;

*5.* illi fil-kaz odjern evidentement hemm karenza assoluta ta’ tali provi. ma jirrizultax li kien hemm xi sewqan erratiku minn naha tieghu, jew spavald izzejjed.

Anzi twaqqaf mill-Pulizija biss ghax ma kienx liebes iċ-ċintorin tas-sigurta', u ghal xjen aktar. Lanqas jirrizulta li kien hem xi xengil jew nuqqas ta' koordinazzjoni tal-movimenti tal-gisem tas-sewwieq, xi tkarkir tal-kliem, ecitament zejjed, jew sinjali ohra komunement riskontrabbli f'persuna xurbana. Anzi jirrizulta l-oppost. Mhux hekk biss anzi wara li ttiehed id-depot, l-appellant intbaghat mill-Pulizija sabiex isuq lura lejn id-dar. u allura kieku l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq, kien se jintbaghat mill-Pulizija biex isuq il-karozza tieghu;

*6.* illi minn dan jirrizulta b'mod car kemm l-appellant, minkejja li skond ir-"roadside test" seta kellu livell ta' alkohol fin-nifs li jeccedi l-limite preskritt ghat-test tad-depot, kien ghal kollox koerenti fi kliemu u korret u razzjonali f'imgiebtu w fl-azzjonijiet tieghu. Il-fatt li qal xi ddiskors zejjed lill-Pulizija li waqqfu certament ma jistax jittiehed bhala xi indikazzjoni jew prova li hu kien xurban, anzi korrettement il-Pulizija li kellmuh imkien ma jghidu li hu beda jgib ruhu ta' bniedem li kien xurban;

*7.* illi kif inghad fis-sentenza rienti ta' din il-Qorti tat-22 t'Ottubru, 2008, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jan Spiteri, il-fatt li l-appellant Spiteri kellu riha qawwija ta' xorb mhix prova li huwa kienx f'kundizzjoni li jsuq.

Ikkunsidrat

Irrizulta mill-provi illi fid-19 ta' Marzu 2009 ghall-habta ta' 6.25 p.m. waqt li PC 1391 Ian Grech kien xoghol fi Triq Hal-Far, Gudja nnota vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAP 138 tal-marka Skoda illi kienet qed tinsaq minn xufier li ma kienx liebes is-"seat belt". PC Grech ipprova jwaqqaf lix-xufier diversi drabi izda ma tax kaz u waqqfu biss meta gie quddiemu w ordnalu biex jinzel mill-karozza. Waqt illi PC Grech kien qed jiehu il-"particulars" beda jxomm riha ta' xorb hierga minn halq is-sewwieq Keith Aquilina ID 498182M. Jidher li Aquilina ma hax gost b'dan l-intervent ghax skond PC Grech beda jidghaj, jghajjru "mickey mouse" u anki jinsulta lill-Pulizija. PC Grech talab l-assistenza tal-"mobile squad" fejn sar "road side test" tal-"breathilyzer" fejn irrizulta illi Aquilina kien issupera l-limitu koncess mill-Ligi ghal sewqan f'dik il-kondizzjoni. Ghalhekk Aquilina ttiehed id-Depot tal-

Pulizija biex hemmhekk isirlu l-“breathilyzer test”. L-operatur SM513 Anthony Gerada wkoll innota riha ta’ xorb f’halq Keith Aquilina izda minkejja l-istruzzjonijiet li gie moghti lilu, Aquilina ma bedix jonfoh sewwa gol-apparat biex b’hekk it-test gie inkompliet. Li Aquilina kellu riha ta’ xorb fuqu gie kkonfermat ukoll minn PS 524 Paul Cassar fit-taqsima tal-“mobile squad” illi mar fuq il-post, il-Gudja fuq is-sejha ta’ PC Ian Grech u hemm ukoll innota riha ta’ xorb u Aquilina deher ukoll ecitat.

Ikkunsidrat

Illi kif ghallmet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza “Il-Pulizija kontra Carmelo Schembri tat-28 t’April, 1995” hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta’ Appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll f’kaz ta’ Appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) *“li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet raggjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondiet tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx raggjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.”*

Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx raggjonevoli fil-konkluzzjoni taghha meta sabet htija fl-imputat ghad-diversi kapi illi gew addebitati lilu.

Jidher illi ma hemmx kontestazzjoni dwar id-decizzjoni tal-Ewwel Qorti taht l-ewwel tlett akkuzi w fejn l-imputat gie lliberat mill-hames akkuza izda l-kontestazzjoni qeghda fir-raba’ akkuza w cioe’ “*illi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura numru CAP 138 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi”.*

Ikkunsidrat

Biex din l-akkuza tissustissi, li jrid jigi ppruvat illi l-imputat Keith Aquilina ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi meta gie mwaqqaf minn PC 1391 Ian Grech fid-19 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 6.25 p.m., l-imputat kien xurban, izda jekk minhabba f'hekk ma kienx f'kondizzjoni li jsuq hija xi haga ohra illi kellha tigi ppruvata.

Bir-rispett din il-Qorti ma tahsibx illi din il-grad ta' prova gie milqugh minkejja l-komportament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija illi beda jiehu l-"particulars" u anki meta kien id-Depot b'daqshekk ma fissirx illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Naturalment kulhadd huwa responsabbli ta' ghemilu w jekk l-imputat ma gabx ruhu sew fil-konfront tal-Pulizija w kiser xi kontravenzjoni f'dan is-sens allura jrid iwiegeb ghal dan kif fil-fatt gara. Pero' ma jistax iwiegeb ghall-akkuza illi ma tirrizultax sodisfacentement ippruvat fi grad li trid il-Ligi.

Hadd mix-xiehda li gew imressqa mill-prosekuzzjoni ma nnotaw xi sewqan erratiku jew mhux normali da parte tal-imputat. Fil-fatt dana twaqqaf biss ghaliex ma kienx liebes is-"seat belt" mhux ghal xi kontravenzjoni ohra.

Ghalhekk il-fatt illi kien xurban irid jitqies bhala prova flimkien ma' provi ohra li setghu jwasslu ghall-konkluzzjoni illi l-imputat ma kellux il-kontroll tal-vettura.

Ir-"reading" tar-"road side test" wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar il-htija dwar ir-raba' akkuza, w dan l-ahhar din il-Qorti kellha okkazzjoni biex tippronuncja ruhha f'dan ir-rigward f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jan Spiteri deciza fit-22 t'Ottubru, 2009 u wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-fatt li l-appellant kellu riha qawwija ta' xorb mhiex prova illi hu ma kienx f'kondizzjoni li jsuq. Din id-decizzjoni ghal min mhuwiex intiz fil-Ligi tista' tidher stramba peress illi bniedem xurban ma jistax ikollu l-kontroll shih tal-vettura. Pero' dina hija assunzjoni illi ma tistax treggi fil-kamp kriminali fejn il-provi huma kollox u jridu jwasslu sal-grad ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni w sakemm il-Ligi tibqa' kif inhi, din il-

Qorti thoss illi ghandha jsegwi l-insenjament ta' decizjonijiet precedenti in materia.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-ewwel tlett akkuzi w fejn gie lliberat mill-hames akkuza w tirrevokaha w thassaraha fejn sabet lill-appellant hati tar-raba' akkuza w konsegwentement tilliberah minnha.

Tordna wkoll it-tnehhija tas-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------